# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

**tal-15 ta' Diċembru 2010**

**li temenda d-Deċiżjoni 2004/211/KE dwar ir-reġistrazzjonijiet tal-Brażil, il-Kuwajt u s-Sirja fil-lista ta' pajjiżi terzi u ta' partijiet tagħhom li minnhom l-Unjoni Ewropea tawtorizza l-introduzzjoni ta' *equidae* ħajjin u ta' semen, ova u embrijoni tal-ispeċi ekwina**

*(notifikata bid-dokument numru C(2010) 8950)*

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2010/776/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 90/426/KEE tas-26 ta' Ġunju 1990 dwar kundizzjonijiet tas-saħħa tal-annimali li jirregolaw il-moviment u l-importazzjoni minn pajjiżi terzi ta' *equidae* [1], u b'mod partikolari l-Artikoli 12(1) u (4), u l-frażi preliminari tal-Artikolu 19 u l-punti (i) u (ii) tal-Artikolu 19 tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 92/65/KEE tat-13 ta' Lulju 1992, li tistabbilixxi l-ħtiġijiet dwar saħħa tal-annimali li jirregolaw il-kummerċ u l-importazzjoni fil-Komunità ta' annimali, semen, ova u embrijuni mhux suġġetti għal ħtiġijiet ta' saħħa tal-annimali stabbiliti f'regoli speċifiċi tal-Komunità li hemm referenza għalihom fl-Anness A(I) tad-Direttiva 90/425/KEE [2], u b'mod partikolari l-Artikolu 17(3)(a) tagħha,

Billi:

(1) Id-Direttiva 90/426/KEE tistabbilixxi l-kundizzjonijiet tas-saħħa tal-annimali għall-importazzjoni ta' *equidae* ħajjin fl-Unjoni. Din tistipula li l-importazzjoni ta' *equidae* fl-Unjoni hija awtorizzata biss minn pajjiżi terzi jew partijiet mit-territorji tagħhom fejn il-glanders hija marda notifikabbli u li ilhom ħielsa mill-glanders għal perjodu ta' mill-inqas sitt xhur.

(2) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/211/KE tas-6 ta' Jannar 2004 li tistabbilixxi l-lista ta' pajjiżi terzi u ta' partijiet mit-territorju tagħhom li minnhom l-Istati Membri jawtorizzaw l-importazzjoni ta' *equidae* ħajjin u ta' semen, ova u embrijoni tal-ispeċi ekwina,u li temenda id-Deċiżjonijiet 93/195/KEE u 94/63/KE [3] tistabbilixxi lista ta' pajjiżi terzi, jew partijiet minnhom fejn japplika t-taqsim ta' pajjiżi f'reġjuni, li minnhom l-Istati Membri jawtorizzaw l-importazzjoni ta' *equidae* u s-semen, l-ova u l-embrijoni tagħhom, u tindika l-kundizzjonijiet l-oħra li japplikaw għal din l-importazzjoni. Din il-lista hija stipulata fl-Anness I għal dik id-Deċiżjoni. Il-Brażil, il-Kuwajt u s-Sirja bħalissa huma parti minn din il-lista f'dak l-Anness.

(3) F'April tal-2010 il-Brażil innotifika lill-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Annimali (OIE) bil-konferma ta' każ ta' glanders (*Burkholderia mallei*) f'żiemel fid-Distrito Federal. Għalhekk, id-Deċiżjoni 2004/211/KE ġiet emendata bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/333/UE [4] biex tindika li l-introduzzjoni tal-*equidae* u s-semen, l-ova u l-embrijoni ta' annimali tal-ispeċi ekwina fl-Unjoni mid-Distrito Federal fil-Brażil m'għadhiex awtorizzata.

(4) Fl-1 ta' Novembru 2010, il-Brażil informa lill-OIE li dan il-każ uniku ta' glanders fid-Distrito Federal kien ġie riżolt. B'mod partikolari, l-awtoritajiet infurmaw li ma ġie rrapportat l-ebda każ ġdid għal mill-anqas sitt xhur, li r-restrizzjonijiet fuq il-moviment tal-*equidae* minn żoni infettati għal oħrajn li mhumiex huma f'posthom u li s-sorveljanza magħmulha fuq madwar 5 000 *equidae* ma identifikatx każijiet oħra.

(5) Għalhekk huwa xieraq li d-Distrito Federal jerġa' jiddaħħal fil-lista ta' żoni approvati għall-importazzjoni tal-*equidae* u s-semen, l-ova u l-embrijoni ta' annimali tal-ispeċi ekwina fl-Unjoni, kif stabbilit fl-Anness I tad-Deċiżjoni 2004/211/KE.

(6) F'Ottubru tal-2010, l-OIE informat dwar l-okkorrenza tal-glanders fil-Kuwajt.

(7) Is-Sirja iddikjarat lill-OIE li l-istatus tagħha tal-Glanders mhux magħruf minħabba li l-glanders m'għadhiex marda notifikabbli f'dak il-pajjiż. Żwiemel mis-Sirja kienu identifikati bħala l-oriġini tal-glanders f'pajjiżi ta' dak ir-reġjun u missjoni riċenti ta' spezzjoni mill-OIE ma eskludietx il-preżenza ta' din il-marda fis-Sirja.

(8) L-introduzzjoni ta' kull *equidae* u semen, ova u embrijoni ta' annimali tal-ispeċi ekwina fl-Unjoni mill-Kuwajt u s-Sirja għalhekk m'għandhiex tibqa' tiġi awtorizzata. Dawk il-pajjiżi terzi għandhom għalhekk jitħassru mill-Anness I tad-Deċiżjoni 2004/211/KE.

[1] ĠU L 224, 18.8.1990, p. 42.
[2] ĠU L 268, 14.9.1992, p. 54.
[3] ĠU L 73, 11.3.2004, p. 1.
[4] ĠU L 150, 16.6.2010, p. 53.

(9) Id-Deċiżjoni 2004/211/KE għandha għaldaqstant tiġi emendata skont dan.

(10) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-Anness I għad-Deċiżjoni 2004/211/KE huwa emendat kif ġej:

1. Ir-reġistrazzjoni għall-Brażil tinbidel b'dan li ġej:

| | | | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| "BR | Brażil | BR-0 | Il-pajjiż kollu | | — | — | — | — | — | — | — | — | — | — |
| | | BR-1 | L-Istati ta' Rio Grande do Sul, Santa Catarina, Paraná, São Paulo, Mato Grosso do Sul, Goiás, Minas Gerais, Rio de Janeiro, Espíritu Santo, Rondônia, Mato Grosso, Distrito Federal | D | X | X | X | X | X | X | X | X | X" | |

2. Ir-reġistrazzjoni għall-Kuwajt tinbidel b'dan li ġej:

| | | | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| "KW | Il-Kuwajt | KW-0 | Il-pajjiż kollu | E | — | — | — | — | — | — | — | — | —" | |

3. Ir-reġistrazzjoni għas-Sirja tinbidel b'dan li ġej:

| | | | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| "SY | Is-Sirja | SY-0 | Il-pajjiż kollu | E | — | — | — | — | — | — | — | — | —" | |

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, il-15 ta' Diċembru 2010.

*Għall-Kummissjoni*

John DALLI

*Membru tal-Kummissjoni*